TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 133/17/F

**Anna Mizzi u Maria Sharon Spiteri**

**vs**

**Kevin Grech eżerċenti l-kummerċ bħala Kenda Waterproofing Services**

Illum, 31 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef u ħames mitt Ewro (€3,500), rappreżentanti tqegħid ħażin ta' membrane.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmlilha xogħol ta' membrane fuq il-bejt. Ir-rikorrenti ssottomettiet illi x-xogħol ma sarx tajjeb u għalhekk qed titlob li jinqala' l-membrane difettuż u jsir mill-ġdid, kif ukoll l-ispejjeż li saru ġewwa jiġifieri fix-xorok kaġun ta' ingress ta' ilma fil-membrane.

It-Tribunal, ukoll ra r-rapport tal-perit Jesmond Mugliett fejn ikkonkluda li kien hemm diversi ħsarat tort ta' l-ingress ta' l-ilma wara li sar il-membrane.

It-Tribunal, ukoll qabbad perit tekniku indipendenti, is-Sur Vincent Ciliberti sabiex jirrelata dwar il-każ, fejn ikkonkluda li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu billi jinbidel it-travu tal-ħadid jew is-saqaf tax-xorok għax ġie rimedjat. Ikkonkluda wkoll illi l-ħsarat imwettqa saru wara l-installazzjoni tal-membrane l-ġdid. Il-perit ikkonkluda wkoll illi l-ilma daħal fil-landing u fil-kamra tas-sodda, pero' ma jistax jgħid minn fejn ġej għax il-membrane sar tajjeb. Pero' ikkonkluda li l-katusa ma jafx jekk hiex tal-plastik, u jekk hi tal-plastik, jista' jkun illi l-ilma daħal minn hemm, iżda wara sena ma jkunx hemm dik il-ħsara.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jikkonkludi illi jekk ir-rikorrenti fejn qalet illi l-ħsarat saru kollha mill-membrane, peress li sar ħażin huwiex minnu jew le.

It-Tribunal jikkonkludi li wara li eżamina fid-dettall ir-rapport tal-perit tekniku, fejn qed jinsisti li l-membrane sar tajjeb u ma sarx ingress ta' l-ilma, pero' t-Tribunal qiegħed konfuż, fis-sens illi minn x'imkien l-ilma daħal u li għalkemm forsi ma daħalx direttament min fejn ġie mqiegħed il-membrane, jista' jikkonkludi li forsi minn fejn kien hemm il-katusa daħal l-ilma u beda jċarċar, pero' konfort mill-fatt ukoll illi jista' jagħti l-każ li l-ilma daħal meta kien hemm il-membrane l-antik ukoll u li allura l-intimat messu nduna li kien hemm diġa' l-ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, inkluż l-ispejjeż tal-perit tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**